Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,874, 23 ta' Novembru, 1999
Taqsima B

A.L. 200 ta' l-1999

ATT TA' L-1998 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XXIII TA' L-1998)

Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw il-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 24 u 75 ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw il-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Ħdax-il Skeda qegħda hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

Jemenda l-Iskeda.

2. Fis-subparagrafu (a) (v) tal-paragrafu (1) tal-partita 4 ta' l-Iskeda, minnufih wara l-kelma "manutenzjoni" għandhom jidħlu l-kliem ", għoti ta' karburanti" u fis-subparagrafu (d) tal-paragrafu (2) tal-partita 4 tagħha, minnufih wara l-kliem "għall-kiri self-drive" għandhom jidħlu l-kliem "eskluż l-għoti ta' karburanti lil dawk il-vetturi bil-mutur self-drive)".